# IL-PJAN TAL-LEZZJONI 9.1

## Kap 9: Il-familja kbira tiegħi

## Lezzjoni 1: L-imġiba tajba tiegħi.

## L-Għanijiet:




L-istudenti:

1. Jiftakru u jiddiskutu r-rwol tagħhom fil-familja u l-għajnuna li jistgħu jagħtu.
2. Jirrevedu kif huma parti mill-familja kbira li hi l-Knisja.
3. Jirrevedu x'iġib l-għaqda u jħalli lill-Knisja waħda u qaddisa.
4. Jitgħallmu xi tfisser il-kelma 'parteċipazzjoni'.
5. Jifhmu permezz ta' eżempji konkreti kif dan jista' jseħħ.

## Ir-riżorsi għal-lezzjoni:



- Powerpoint presentation bi stampi relatati mal-familja
- Karta għall-għalliema bl-istorja ta' David
- 9.1 Worksheet
- http://www.youtube.com/watch?v=PNqpmyoF3-E – Helping hands

## Naqsmu flimkien – L-introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu



- Ibda l-lezzjoni billi turi l-ewwel *slide* tal-*powerpoint presentation.* F'din is-*slide* l-istudenti josservaw stampi ta' aspetti differenti ta' familja.

ċ) ... fil-familja rrid inkun sensittiv għall-bżonnijiet tal-persuni ta' madwari u nagħti sehmi biex ikun hemm l-għaqda fil-familja.

6.Niftakru fil-Knisja li hija l-familja tagħna l-kbira.

7. Stieden lit-tfal jiftħu l-Ktieb tal-Attivitajiet 9.1 u wara li taqra u tispjega s-silta mogħtija għaddi għal Attività 1. Fuq bażi ta' klassi ħalli t-tfal isibu dak li jagħmilna familja waħda u qaddisa bl-għaqda u l-imħabba li nuru lejn xulxin.

   Risposti: Paċi- imħabba – lealtà – għajnuna – tbatija – impenn

8. Għaddi għal Attività 2 . Fisser il-kelma 'parteċipazzjoni' – nagħti sehmi. Iddiskuti mat-tfal liema mis-sentenzi mogħtija juru parteċipazzjoni.



9. Għaddi għal Attività 3 u oħroġ l-importanza ta' kem ... ħti s-sehem sħiħ tagħna.

10. Spiċċa l-lezzjoni bil-kanzunetta "Helping Hand

- *X'kien is-sehem li kien qed jagħti David fil-familja tiegħu?*
- *Taħsbu li seta' jagħmel aktar? Kif?*
- *X'tagħmlu intom biex tkunu ta' għajnuna fid-dar?*

4. Dawn id-domandi jistgħu jkunu diskussi fi gruppi, imbagħad issir sessjoni plenarja, inkella bħala diskussjoni mal-klassi kollha.

5. Tweġibiet:

   a) David kien tifel ubbidjenti.

   b) David tgħallem li għandu jagħti aktar għajnuna fid-dar.

## Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)

1. Il-familja hija l-ewwel grupp ta' nies li aħna nsiru nafu u nħobbu.

2. Biex fil-familja tikber l-għaqda aħna wkoll irridu nagħtu s-sehem tagħna.




3. Ma nistgħux nistennew li nirċievu biss imma rridu naraw x'nistgħu nagħmlu biex fil-familja nkunu ta' għajnuna għall-ġenituri, għal ħutna u għal qrabatna.

4. il-knisja tkun waħda u qaddisa jekk aħna nagħtu s-sehem tagħna, inkunu

## Nagħżlu flimkien (L-attitudni)

It-tfal ikunu pronti biex meta jaraw lil xi ħadd li għandu bżonn l-għajnuna tagħhom, jgħinuh. Dan jagħmluh kullimkien speċjalment fil-familja tagħhom.



## Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc

- Uri l-youtube clip "Helping Hands song"
- http://www.youtube.com/watch?v=PNqpmyoF3-E"



## Nitolbu

Mulej Ġesù, bħala tifel inti wkoll trabbejt ġo familja. Għinni biex fil-familja tiegħi nkun dejjem lest/a biex nagħti sehmi u ngħin lil kulħadd. B'hekk inkun qed naħdem biex tikber l-għaqda fil-familja tiegħi. Ammen.

